# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Novembru 2021**

**Rikors Numru : 92/2021 JPG**
**Kawza Numru : 19**

**ALW**
**Vs**
**ADW**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' ALW, datat 8 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet zzewgu fl-20 ta' Mejju 2000 fil-Marriage Registry, Valletta, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A' u minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, JW, li llum ghandha X-il sena.*
>
> *Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku tal-11 ta' Mejju 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis hawn anness u mmarkat Dok B.*
>
> *Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata 'de facto' ghal iktar minn ghaxar snin u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju.*
>
> *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-*

*partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom.*

*Illi skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-11 ta' Marzu 2010, l-intimat ghandu jhallas manteniment ta' €250 mensili ghal bintu. L-ebda manteniment m'hu dovut ghall-attrici. Illi m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment.*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' ADW, datata 4 ta' Awwissu 2021, a fol 26, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti jaqbel mat-talbiet rikorrenti.*

*Illi l-esponent u l-attrici zzewwgu fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, JW, li llum ghandha X-il sena.*

*Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis datat hdax (11) ta' Mejju elfejn u ghaxra (2010).*

*Illi inoltre huma ilhom jghixu separatament ghal aktar minn ghaxar snin.*

*Illi l-esponent ghadu jhallas manteniment ta' €250 ghal bintu u ma hemm l-ebda arretrati u ta' manteniment, anzi jigi eccepit kif saru numru ta' pagament li ma*

*kienux dovuti, ghal-liema l-esponent qieghed jirriserva d-dritt tieghu li jitlob rifuzjoni.*

*Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra r-rikorrenti.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat x-zhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**ALW, xehdet (vide affidavit fol 16)** illi l-kontendenti izzewwgu nhar l-20 ta' Mejju 2000, li minn dan iz-zwieg kellhom tifla, illum ghandha X-il sena. Xehdet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar il-11 ta' Novembru 2010, fl-atti tan-Nutar Dr Timothy Ellis. Iddikjarat illi mid-data tas-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Sostniet li ma hemm ebda arretrati dovuti u li ser zomm kunjom 'W'.

**ADW permezz tal-affidavit tieghu datat 27 t'Ottubru 2021 (Vide Fol 31)** kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Mejju 2000, liema zwieg jgib c-certifikat numru 640/2000 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 5), u li minn dan iz-zwieg kellhom tifla.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar il-11 ta' Novembru 2010 fl-atti tan-Nutar Dr Timothy Ellis (vide Dok B, a fol 6 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovuti.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 640/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**